Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

31 ta' Jannar 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.10 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Paul Azzopardi- Viċi Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa – Kunsillier

Johnny Vella - Kunsilliera

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 64.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji

64.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

64.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 63 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

## 64.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

64.3.1 Is-Sindku Hubert Saliba kkomunika mal-Kunsill l-istadji tal-proċess tal-proġetti li għaddejien fil-preżent. Is-Sindku ħabbar li l-Landscaping tal-Bandli tal-Ħamrija ser jiġi ffinanzjat mill-Ministeru Għal Għawdex. Huwa qal li nhar it-Tnejn 15 ta' Jannar 2024 sar xogħol ta' tħawwil ta' siġar u arbuxelli, fejn kien hemm ukoll preżenti l-Ministru Għal Għawdex Clint Camilleri. Għal din l-attivita kien hemm ukoll numru ta' studenti mill-Iskola Roża Magro tax-Xewkija. Fil-preżent qed jinġabru informazzjoni u stimi biex isir sensory equipment f'dan il-bandli.

64.3.2 Is-Sindku ta' rapport dwar il-Progett tal-Ġibjun li jinsab fi Triq il-Kbira, liem proġett ġie ffinanzjat mill-iskema Ambjent maħruġa mir-Reġjun Għawdex. Wara li tlesta x-xogħol fuq dan il-proġett, issa kien imiss li jsir ix-xogħol fuq is-sistema tad-dawl. Is-Sindku qal ukoll li bħalissa kien għaddej xogħol ta' restawr fuq il-bankijiet mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex. Is-Sindku preżenta wkoll kwotazzjoni għall-pots biex jitpoġġew fuq dan l-ispazju pubbliku u jitħawwlu siġar u arbuxelli.

64.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar il-Proġett tal-Bandli tal-Barmil, liem proġett huwa b'kollaborazzjoni ma Project Green. Is Sindku semma li biex iseħħ dal-proġett, kellu jsir traffic management ġdid għat-toroq tal-madwar, u dawn jinkludu central strips u sinjali ġodda. Bħalissa għaddejja diskussjoni mal-Ministeru Għal Għawdex biex jitwettaq l-istudju li sar fit-Traffic Management sabiex ikun jista jitkompla x-xogħol.

64.3.4 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera, ittra mibgħuta mill-Lands Authority dwar l-iżvilupp li sar mill-privat f'parti mill-Bandli f'Ta' Gokk. Sadattant huwa qal li mhux ser jitkompla l-proċess fuq il-proġett tal-Bandli.

64.3.5 Is-Sindku kkomunika d-deċiżjoni tas-Sur Mario Zammit sabiex jieqaf mix-xogħol tal-ħriet li huwa kien jieħu ħsieb. Is-Sindku ssuġġerixxa biex lil Joseph Grech sabiex jagħmel dan ix-xogħol hu. Il-Kunsill qabel ma dan.

64.3.6 Is-Sindku Hubert Saliba ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet ta' muturi biex ikunu jistgħu jintużaw għat-tindif tal-ġonna u playingfields. Dawn il-muturi huma; blower + vacuum, u chainsaw li jista jiġi estiż it-tul tiegħu biex jinżabru s-siġar. Il-Kunsill qabel li jinxtraw dawn iż-żewġ muturi skond il-kwotazzjonijiet miġbura.

## 64.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

64.4.1 Il-Kunsillieri Dominic Zerafa staqsa dwar l-istat tal-proġett tal-bankini fl-inħawi tal-Barmil. Is-Sindku wieġeb li riċentament sar meeting dwar il-progett tal-bankini u li ser ikun qed jinbeda x-xoghol fiż-żmien li ġej.

64.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar il-progett ta' Briegħen, liem proġett kien għaddej diskussjoni dwaru bejn il-Kunsill Lokali tax-Xewkija u dak t' Għajnsielem. Is-Sindku qal li l-art ġiet f'idejn il-Kunsill u kien għadu għaddej l-istudju dwar dan il-proġett.

64.4.3 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi ġibed l-attenzjoni fuq is-sitwazzjoni ta' Triq tal-Ġidi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li propju jumejn wara l-laqgħa kienet ser titqaxxar it-triq mill-ħaddiema tal-Ministeru Għal Għawdex biex tkun fi stat aħjar min li hi.

64.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar in-*new water System* u ssuġġerit sabiex isiru qrib il-wasteserv ukoll. Is-Sindku qal li ix-xogħol fuq din is-sistema għaddej ġmielu, fejn dan l-aħħar ġew installati l-apparat li ser jintuża sabiex il-bdiewa lokali jkunu jistgħu jibdew jagħmlu użu min din is-sistema mix-xhur li ġejjien.

64.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerit sabiex jibdew isiru sessjonijiet/kors ta' qari fil-Librerija tax-Xewkija mill-Librara stess li jkunu *Musical Sensory Sessions.* Il-Kunsill qabel ma dan, u ġie deċiż li s-Sa Attard tiċċekkja ftit dwaru sabiex il-quddiem noffru dan il-kors.

## 64.5 Karnival 2024

64.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' rapport dettaljat tal-programm mħejji għall-Karnival fix-Xewkija li ser isir il-Ħadd 11 ta' Frar 2024. Dan jinkludi lista ta' kumpaniji tad-danziet bil-kostum, danziet hilarious, maskri grotteski, karrijiet, kompetizzjoni għall-aqwa maskarat kreattivi u anke servizz mużikali mill-Banda Prekursur. Dan il-programm ġie ffinalizzat bi qbil unanimu.

64.5.2 Il-Kunsill iddiskuta il-kompetizzjoni li ser issir waqt il-Karnival, dik tal-aqwa Maskarat kreattivi. Il-Kunsill qabel li l-premijiet ikunu b'dan il-mod; l-Ewwel post voucher ta' €50, it-Tieni post voucher ta' €30, it-Tielet post voucher ta' €15.Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ssuġġerit li jintbagħtu avviżi lit-tfal tal-iskola dwar din il-kompetizzjoni.

64.5.3 Il-Kunsill qabel li l-Għaqda Armar Xewkija, li ser tipparteċipa fil-Karnival permezz ta' sett ta' Maskri Grotteski tieħu ħlas ta' €400, u l-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin, li

din is-sena ser jipparteċipa fil-Karnival tax-Xewkija permezz ta' danza hilarious, jieħu l-ġlas ta' €250.

## 64.6 Proġett Bandli Tal-Ħamrija

64.6.1 Bħal ma kien imsemmi aktar kmieni fil-laqgħa, is-Sindku semma kif il-Proġett tal-Bandli tal-Ħamrija jinsab fil-fażi finali tiegħu. Is-Sur Saliba reġa semma li l-proġett tal-landscaping, li jinkludi tħawwil ta' pjanti u arbuxelli ser isir b'kollaborazzjoni mal-Ministeru Għal Għawdex.

64.6.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol mill-Perit, u l-Kunsill approvaha unanimament.

64.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li kienu intbagħtu talbiet lil diversi kumpaniji dwar sensory equipment biex isir fil-Bandli Tal-Ħamrija. Il-Kunsill qabel li għandna navviċinaw kumpanija li tagħmel dan ix-xogħol customized biex niġbru stima u jkun f'pożiżżjoni li jieħu deċiżjoni dwarha.

## 64.7 Proġett Triq il-Kbira

64.7.1 Is-Sindku s-Sur Hubert Saliba ta rapport dwar ix-xogħol li sar relatat ma dan il-proġett. Issa li x-xogħol kien lest, is-Sindku qal li kien imiss li jiġu nstallati pots bil-pjanti u siġar żgħar sabiex isebbħu l-ambjent. Il-Kunsill qabel li nmexxu mal-orħos kwotazzjoni. Is-Sindku qal ukoll li bħalissa qed jinġabru kwotazzjonijiet biex isir l-installazzjoni tas-sistema tad-dawl. Rigward il-bankijiet, is-Sindku qal li dawn qed jiġu restawrati mill-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru Għal Għadwex u għandhom jeħlu fuq il-post malli jitlesta x-xogħol fuqhom.

64.7.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa saħaq li l-ewwel ċans li jkun hemm għandu jsir xi tip ta' lqugħ bħal *bollards* sabiex dan l-ispazju miftuħ ikun aktar sigur. Is-Sindku wieġeb li ser isir dan ix-xogħol.

64.7.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol mill-Perit u l-Kunsill approvaha unanimament.

## 64.8 Skemi u Proġetti ġodda; Proġetti fil-Komunitajiet u Intervention 73.3: Off-Farm Investments Infrastructure (Rural Roads)

64.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill fond ġdid bl-isem ta' Progetti fil-Komunitajiet, liem fond huwa maħruġ mill-Aġenzija Lesa b'kollaborazzjoni mal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. Wara li l-Kunsill analizza l-opportunitajiet li dan il-fond jagħti lill-Kunsill, kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika biex tinxtara vettura 9 seater li taħdem bl-elettriku sabiex tkun tista tibda tintuża għal servizzi ta' trasport b'mod speċjali għall-anzjani u dawk li huma fil-bżonn. Din il-vettura trid tkun aċċessibbli għal kulħadd.

64.8.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill skema ġdida, Intervention 73.3: Off-Farm Investments Infrastructure (Rural Roads). Il-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw għal żewġ toroq rurali; Triq ta' Bordin u Triq Bir il-Franċiżi.

## 64.9 Preparamenti għal żmien il-Għid

Il-Kunsill qabel li għal żmien il-Għid mhux ser isiru attivitajiet relatati ma dawn il-festi.

**64.10 Budget 2024**

*17:47 Daħal fil-laqgħa s-Sur Daniel Accountant Budget 2024.*

Is-Sur Daniel Galea, ta' rapport dwar il-Budget għas-sena 2024. Huwa fisser il-figuri u wieġeb għall-mistoqsijiet li kien hemm dwar dan.

*18:24 Ħareġ mil-laqgħa s-Sur Daniel*

**64.11 Korrispondenza u Ilmenti**

Talba mingħand is-Sur Quinton Scerri għall-kollaborazzjoni fl-International Food Festival li ser isir fil-Pjazza tax-Xewkija, bejn it-12 u t-13 ta' Lulju 2024. Il-Kunsill qabel li jikkollabora.

02/01/2024 Invit Għaqda tal-Milied Stedina għall-Premjazzjoni.

03/01/2024 Cir AKL 2023/114_SRPP – Putting you in contact for the dissemination of the survey.

04/01/2024 Korrispondenza mingħand - Gozo Regional Council's Objection Letter ofz PA/00570/21 – Ggantija Heights Triq il-Parisott Xagħra.

04/01/2024 Korrispondenza mingħand in-'National Literacy' fejn infurmawna li Seħer l-Istejjer Reading Sessions ser jerġgħu jibdew fit-8 ta' Jannar u talbuna permess biex jintuża l-'premises'.
04/01/2024 Korrispondenza mingħand in-'National Literacy' fejn infurmawna li ser isiru s-sessions Aqra miegħi.
04/01/2024 Korrispondenza mill-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex fuq Youth Nomination on Request for the Next _EU funded Project.
04/01/2024 Cir AKL 2024/001_EUCF_6th Wall Webinar – Agenda.
04/01/2024 Cir AKL 2024/002_Seminar-Connecting Communities: Navigating the Communications Landscape in Collaboration with MCA.
05/01/2024 Korrispondenza mingħand Leon Promotions għall-Servizz ta' Banda Brażiljana u Żeffiena Brażiljani biex jieħdu sehem fil-Karnival tax-Xewkija bi ħlas.
05/01/2024 Cir AKL 2024/003_Servizzi ta' Transport B'Xejn Offruti mill-Kunsilli Lokali u Reġjonali.
05/01/2024 Korrispondenza mingħand Mro. Antoine Mercieca fejn ta informazzjoni dwaru bħala Direttur Mużikali f'każ li niġu bżonn dan is-servizz.
05/01/2024 Korrispondenza mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv mal-Ministru Miriam Dalli dwar tindif tal-ġibjun ta' Triq il-Kbira. Fl-aħħar korrispondenza infurmatna li bħalissa ma hemmx skemi ta' manutenzjoni tar-'Reserviours'.
08/01/2024 Lauch of Intervention 73.3 off farm infractructure – rural Roads.
08/01/2024 Cir AKL/004 – Policy dwar 'Substance Misuse and Problem Gambling at the Place of Work'.
08/01/2024 Ms Noami Galea Uffiċjal Reġjonali tal-Kultura bagħtet korrispondenza dwar il-Programm Erasmus fejn infurmat li ġiet magħżula Ms. Hailey Joy Axiak mix-Xewkija biex tieħu sehem f'dan il-programm. Il-Kunsill qabel li jikkollabora.
10/01/2024 Korrispondenza mingħand l-Aġent Segretarju Eżekuttiv fejn informa lis-Sindku u l-Kunsilliera bl-invit għat-tħawwil ta' siġar fil-bandli tal-Ħamrija fil-15 ta' Jannar fl-'Arbor Day'.
10/01/2024 Cir AKL 2024/005. Rights Training. Sessjonijiet ta' tagħlim fuq l-parteċipazzjoni tat-tfal.
10/01/2024 SPI/SCI/06/2023 – Korsijiet Lifelong Learning 2024-2025 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilita'.

11/01/2024 KA2 Project Lab – Erasmus +Partnership for Cooperation Korrispondenza mingħand SEM.
11/01/2024 Korrispondenza mingħand Citadel Cinema fejn infurmana li ser jintwerew 5 films b'xejn.
11/01/2024 Agenzija Zgħazagħ information session in Gozo il-Ġimgħa 19 ta' Jannar, 2024 bejn il-5.30p.m. u is-7.30p.m..
11/01/2024 Attivita Karnivaleska Organizzata mill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija fis-sala tal-iskola Roza Magro fis-27 ta' Jannar. Talba għall-kollaborazzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li diġà ser jagħmel attività simili fil-Karnival organizzat fir-raħal.
11/01/2024 Marjanu Pace ilmenta li hemm siġra kbira ħdejn l-entratura ta' Ġnien il-Ħaddiem qed tagħlaq l-entratura.
11/01/2024 Cir AKL 2024/002 Seminar – Connecting Communities: Navigating the Communication Landscape in Collaboration with MCA.
15/01/2024 Is-Sur Mallia Stephen mill-Lesa bagħat korrispondenza fejn tagħna kuntatti f'każ ta' bżonn peress li hu ser jirtira mill-pożizzjoni.
15/01/2024 EUCF – 6th Call-Webinar. 26/01/2024 – Invite and Agenda.
15/01/2024 Korrispondenza mingħand Is-Sinjura Maria Pia Sarre fejn talbet biex isiru 'Doggy Bins' fl-Ulysses Grove.
15/01/2024 Cir AKL 2024/008 Personal Accident Policy.
15/01/2024 Cir AKL 2024/007 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus Reġjonali u Kunsilli Lokali.
15/01/2024 Proġetti fil-Komunitajiet 2024.
15/01/2024 Korrispondenza mill-Fuklar Folk Group fejn xtaqu jieħdu sehem fil-Karnival.
16/01/2024 SPI/SCI/2024 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025.
16/01/2024 Korrispondenza mingħand Ms Marouska Borg fejn talbet il-lista ta' Cat Feeders.
16/01/2024 Cir AKL 2024/009_Urbact info Day, 22nd January, 2024.
16/01/2024 SPI/SCI/1/2024 – Skema ta' Postijiet Monumenti Storiċi f'Malta 2024/2025.
17/01/2024 Biex issir 'patching' Triq Ġnien is-Sultan inti hu sejjer minn ħdejn il-Kajselli għar-Rabat.
18/01/2024 Inizjattivi minn Kunsilli Lokali Relatati mal-ġbir tal-Iskart.
18/01/2024 Cir AKL 2024/010_Mental Health First Aid Training 2024.
18/01/2024 Invite – Press Conferences – 30th January 2024 'Local Councils' Schemes for 2024.
18/01/2024 Korrispondenza mingħand M'Ang Camilleri dwar Reklam għal fuq il-ktieb tal-festa ta' San Ġwann Battista, Xewkija 2024.
19/01/2024 Cir AKL 2024/011 ECAD Membership 2024.
19/01/2024 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fejn bagħat kwotazzjoni ta' Blower tat-Tindif.
19/01/2024 Cir AKL 2024/011 ECAD Membership 2024.
19/01/2024 Cir AKL 2024/002 Seminar Connecting Communities: Navigating the Communications Landscape in Collaboration with MCA.
24/01/2024 Għeluq ta' Toroq fl-Okkażjoni tal-'Fun Cup and and Fun Walk 2024 organizzata mill-Oasi Foundation fis-6 ta' Ottubru, 2024.
24/01/2024 Korrispondenza mingħand is-Sur Joseph Sultan fejn talab li nibgħatu lista tal-attivitajiet li ser jsiru biex jitniżżlu fil-Magazine 'Event Gozo'.
26/01/2024 Cir AKL 2024/001_EUCF6th Call Webinar.
26/01/2024 L-10 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet.
26/01/2024 Korrispondenza Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti il-Kunsilliera Ms Jeanelle Attard, pproponiet tal-Armar.
26/01/2024 Korrispondenza mingħand Studenta tal-Mcast fejn talbet biex taħdem xi siegħat il-librerija bħala Community Work. Il-Kunsilliera Ms Jeanelle Attard ma sabet l-ebda oġġezzjoni.
30/01/2024 Mistoqsija Parlamentari Nru 14299 – 'Dog Parks u Cat Cafe's fil-Lokalitajiet.
30/01/2024 Mistoqsija Parlamentari Nru 15814 – Ambaxxaturi taż-Żgħazagh – Kunsilli Lokali.
31/01/2024 L-10 Summit Ewropew tar-Reġjun u l-Bliet.
31/01/2024 Workshop Dementia in the Community fit-2 ta' Frar, 2024.

**64.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

64.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**64.13 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

64.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-18:25 Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | Chrismar Xuereb |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |